32003D0476

L 158/58 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 27.6.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Ġunju 2003

dwar reviżjoni ta' l-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

(2003/476/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 209 tieghu,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ([1]),

Billi:

(1) skond l-Artikolu 114(2) tat-Trattat kien ġie stabbilit Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fl-1 ta' Jannar 1999.

(2) Il-Kunsill adotta fil-21 ta' Diċembru 1998 id-Deċiżjoni Nru 98/743/KE dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ([2]).

(3) Il-Kunsill adotta fil-31 ta'Diċembru 1998 id-Deċiżjoni 1999/8/KE dwar l-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ([3]); dawn l-Istatuti taw lill-Kumitat il-kapacità li jiffunzjona sew sa issa.

(4) Wara id-deċiżjoni mill-Kapijiet ta' l-Istati jew ta' Gvern mehuda fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Diċembru, ghaxar membri godda fis-16 ta' April 2003 iffirmaw Trattat ta' Adeżjoni ghall-Unjoni Ewropea u huma mistennija jidhlu fl-1 ta' Mejju 2004.

(5) Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ghandu jkompli jahdem b'mod effettiv wara t-tkabbir.

(6) Huwa importanti li jibqghu jinżammu l-elementi li taw sehemhom ghall-efficjenza tal-Kumitat.

(7) Dan ser jehtieg tibdil fil-metodi ta' kif jahdem il-Kumitat.

(8) Din il-bidla taffettwa l-partecipazzjoni tal-banek centrali; huwa importanti li jżommu il-kompetenza taghhom u l-gharfien analitiku f'materji li dwarhom huma jgorru responsabbiltà.

(9) L-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ghandhom ghalhekk jigu riveduti,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, kif imniżżel fl-Anness ghad-Deċiżjoni 1999/8/KE, ghandu jkun sostitwit mittest mniżżel fl-l-Anness ghal dan.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni ghandha tkun ippubblikata fil-*Gurnal Ufficjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Tibda issehh mill-1 ta' Lulju 2003.

Magħmula l-Lussemburgu, fit-18 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DRYS

([1]) Opinjoni moghtija fil-21 ta' Mejju 2003 (sa issa m'hijiex ippubblikata fil-Gurnal Ufficjali).

([2]) ĠU L 358, tal-31.12.1998, p. 109.

([3]) ĠU L 5, tad-9.1.1999, p. 71.

L-ANNESS

"L-ANNESS

STATUTI TAL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU

Artikolu 1

Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (il-Kumitat) ghandu jaqdi l-kompiti deskritti fil-paragrafi 2 u 4 ta' l-Artikolu 114 tat-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 2

Il-Kumitat jista', fost ohrajn:

– ikun ikkonsultat fil-procedura li twassal ghal deciżjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-mekkaniżmu tar-rati tal-kambju tat-tielet faži ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

– minghajr preġudizzju ghal l-Artikolu 207 tat-Trattat, jipprepara r-reviżjonijiet tal-Kunsill dwar l-isvolgiment tar-rata tal-kambju tal-euro,

– jipprovdi l-istruttura li fih id-djalogu bejn il-Kunsill u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' jitlesta u jitkompla fil-livell ta' uffiċjali anzjani minn ministerji, banek ċentrali nazzjonali, il-Kummissjoni u l-BĊE.

Artikolu 3

Membri tal-Kumitat u alterni ghandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom, ikunu gwidati mill-interessi generali tal-Komunità.

Artikolu 4

Il-Kumitat ghandu jiltaqa' f'żewg forom: jew mal-membri maghżulha mill-amministrazzjonijiet, il-banek ċentrali nazzjonali, il-Kummissjoni u l-BĊE, jew mal-membri mill-amministrazzjonijiet, il-Kummissjoni u l-BĊE. Il-Kumitat kompost fis-shih ghandu jirrivedi regolarment il-lista tal-kwistjonijiet li fuqhom il-membri tal-banek centrali nazzjonali jkunu mistennija jattendu l-laqghat.

Artikolu 5

Opinjonijiet, rapporti jew komuniki, ghandhom jkunu adottati minn maggoranza tal-membri jekk tigi mitluba votazzjoni. Kull membru tal-Kumitat ghandu jkollu vot wiehed. Il-Kumitat ghandu jirrapporta wkoll dwar veduti tal-minoranza jew ta' dissens espressi waqt id-diskussjoni.

Artikolu 6

Il-Kumitat ghandu jeleggi minn fost il-membri tieghu, b'maggoranza tal-membri tieghu, President ghal terminu ta' sentejn. It-terminu ta' sentejn ghandu jkun jista' jiggedded. Il-President ghandu jkun elett minn fost membri li jkunu uffiċjali anzjani fl-amministrazzjonijiet nazzjonali. Il-President ghandu jiddelega/ghandha tiddelega id-dritt tieghu/taghha lill-alternat tieghu/taghha.

Artikolu 7

Fil-każ li ma jkunx f'qaghda li jaqdi dmirijietu/taqdi dmirijietha, il-President ghandu jkun sostitwit/tkun sostitwita mill-Vici-President tal-Kumitat li ghandu jkun elett/ghandha tkun eletta taht l-istess regoli.

Artikolu 8

Hlief jekk il-Kumitat jiddeciedi mod iehor, alterni jistghu jattendu laqghat tal-Kumitat. L-alterni ma ghandhomx ikollom vot. Jekk il-Kumitat ma jiddecidix mod iehor, ma ghandhomx jiehdu sehem fid-diskussjonijiet.

Membru li ma jistax jattendi/tistax tattendi ghal laqgha tal-Kumitat jista'/tista jiddelega tiddelega l-funzjonijiet tieghu/taghha lil wiehed mill-alternati. Huwa jista' jiddelegahom/hija tista' tiddeleghom lil membru iehor. Il-President u s-Segretarju ghandhom ikunu avżati bil-miktub qabel il-laqgha. F'cirkostanzi eccezzjonali l-President jista' jaccetta arrangamenti alternattivi.

Artikolu 9

Il-Kumitat jista' jafda l-istudju ta' materji specifici lil membri alterni, lil sottokumitati jew lil grupp ta' nies mahtura. F'dawn il-każi, l-Presidenza ghandu jassumiha membru jew membru alternat tal-Kumitat, maħtur mill-Kumitat. Il-membri tal-Kumitat, l-alterni tieghu, u s-sottokumitati jew gruppi mahtura jistghu idahhlu esperti biex jassistuhom.

Artikolu 10

Il-Kumitat ghandu jkun msejjah jiltaqa' mill-President fuq l-inizjattiva tieghu/taghha stess, jew fuq it-talba tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew ta' ghallinqas erba' membri tal-Kumitat.

Artikolu 11

Bhala regola, l-President jirrappreżenta lill-Kumitat; partikolarment, il-President jista' jkun awtorizzat mill-Kumitat biex jirrapporta dwar diskussjonijiet u jaghmel kommenti bil-fomm fuq opinjonijiet u komuniki mlestija mill-Kumitat. Il-President ghandu jkollu r-responsabbiltà ghażżamma tar-relazzjonijiet tal-Kumitat mal-Parlament Ewropew.

Artikolu 12

Dak li jigri fil-Kumitat ghandu jkun konfidenzali. L-istess regola ghandha tghodd ghal dak li jigri fl-alternati tieghu, is-sottokomitati jew gruppi mahtura.

Artikolu 13

Il-Komitat għandu jkun mgħejjun minn Segretarjat taħt it-tmexxija ta' Segretarju. Is-Segretarju u l-personál meħtieġ għas-Segretarjat għandhom ikunu forniti mill-Kummissjoni.

Is-Segretarju għandu jkun maħtur mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mill-Kumitat. Is-Segretarju u l-personál tiegħu/tagħha għandhom jagixxu fuq l-istruzzjonijiet tal-Kumitat meta jkunu qegħdin iwettqu r-responsabbiltà tagħhom lejn il-Kumitat.

L-infiq tal-Kumitat għandu jkun inkluż fl-estimi tal-Kummissjoni.

Artikolu 14

Il-Kumitat għandu jadotta l-arranġamenti proċedurali tiegħu stess."